MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 103/2005/1

Vitorin Mercieca pro et noe. et

vs

Reġistratur tal-Qorti (Għawdex) et.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Vitorin Mercieca u Daniela Mercieca tas-16 ta' Ġunju 2014 li permezz tiegħu wara li ppremettew:

1. Illi l-atturi kienu istitwew kawża fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali li ġġib in-numru Ċitazzjoni Numru: 103/2005 (PC) fl-ismijiet Joseph Mercieca et (illum mejjet u għalhekk ir-rikors odjer qed isir minnmartu Vitorin Mercieca) vs Joseph Saliba et; f'liema kawża ġiet maħruġa taxxa mir-Reġistratur tal-Qorti, kopja ta' l-ewwel taxxa maħruġa hawn annessa u markata dokument 'A'; kopja tat-tieni taxxa riveduta hawn annessa u markata Dokument 'B' u kopja tat-tielet taxxa riveduta hawn annessa u markata Dokument 'C';

2. Illi l-esponenti ma humiex jaqblu mat-taxxa kif maħruġa mir-Reġistratur stante illi ai termini tal-Artikolu 4 paragrafu (2) ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organzzazzjoni u Proċedura Ċivili Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta: "(2) Meta, minkejja r-regoli li hemm fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu, l-valur jibqa' mhux ċert jew mhux likwidu, d-dritt intaxxat għandu jkun mhux inqas minn ...... €582.34ċ". Filwaqt illi l-Artikolu 3 (1) u (2) ta' l-istess Tariffa jgħid "3 (1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prim Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi ntaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont l-liġi jew mill-att innifsu, jkunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin: (a) sa l-ewwel €6.988.12ċm għal kull €232.94ċ jew parti minnha ...... €8.15.....

   Iżda d-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a) sa (f) ta' dan il-paragrafu għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni , li tista' tkun meħtieġa, u kull digriet li jingħata f'kawża sas-sentenza finali.

3. Illi konsegwentament ir-Reġistratur ai termini tal-Artikoli fuq imsemmija kellu jaħdem it-taxxa fuq il-valur minimu ta' Ewro 582.34ċ u skond l-imsemmija artikoli.

Talbu lill-intimati jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijet kollha premessi:

1. Tiddikjara li t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur hija żbaljata; u
2. Tordna lir-Reġistratur jaħdem it-taxxa mill-ġdid ai terminin tal-imsemmija Artikoli.

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura u ta' l-atti kollha konnessi, relattivi u sussegwenti.

Rat ir-Risposta tal-avukat Dottor Carmelo Galea li permezz tagħha wieġeb:

1. Illi in linja preliminari, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti, stante li l-valur komplessiv tat-taxxa li qegħda tiġi mpunjatta ma jlaħħaqx is-solja minima tal-kompetenza ta' din il-Qorti;
2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk ir-rikorrenti mingħalihom li qegħdin jitolbu li d-drittijiet tal-Avukati, a differenza tar-Reġistru, jiġu ntaxxati fit-termini tat-Tariffa A tal-Kap. 12, tali talba ma hijiex ammissibbli u għandha tiġi rifjutata. It-Tariffa A ma hijiex it-tariffa li tirregola d-drittijiet tal-Avukati;
3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, it-Tariffa A ma tgħidx li t-taxxa għandha "tinħadem fuq valur minimu ta' €582.34ċ" imma li t-taxxa ma għandhiex tkun inqas minn €582.34ċ – ħaġa kompletament differenti;
4. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta ta' Joseph Saliba li permezz tagħha wieġeb:

1. Illi in linja preliminari, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti, stante li l-valur komplessiv tat-taxxa li qegħda tiġi mpunjatta ma jlaħħaqx is-solja minima tal-kompetenza ta' din il-Qorti;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk ir-rikorrenti mingħalihom li qegħdin jitolbu li d-drittijiet tal-Avukati, a differenza tar-Reġistru, jiġu ntaxxati fit-termini tat-Tariffa A tal-Kap. 12, tali talba ma hijiex ammissibbli u għandha tiġi rifjutata. It-Tariffa A ma hijiex it-tariffa li tirregola d-drittijiet tal-Avukati;

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, it-Tariffa A ma tgħidx li t-taxxa għandha "tinħadem fuq valur minimu ta' €582.34ċ" imma li t-taxxa ma għandhiex tkun inqas minn €582.34ċ – ħaġa kompletament differenti;

4. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex li permezz tagħha eċċepiet:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione valoris;*

2. Ili bla preġudizzju għas-suespost, it-taxxa in kwistjoni ġiet maħduma korrettament;

3. Illi r-rikors promotur hu konfuż u m'huwiex ċar x'inhi l-kawżali tal-impunjazzjoni ili qegħdin jittentaw ir-rikorrenti. Illi d-dirtt tar-reġistru ġie ntaxxat fl-ammont ta' mija u tmienja u tmenin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€188.68ċ) fir-rigward ta' l-attur u mija u tmintax-il euro u tmenin ċenteżmu (€11.80ċ) fir-rigward tal-konvenuti. Għaldaqstant, huwa evidenti illi tali dritt inħadem korrettament ai termini tal-artiklu 3 (4) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 u ferm anqas mill-figura stabilita fl-artiklu 4 (2) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12. Illi jidher ukoll ċar ili r-rikorrenti ma fehmux il-portata ta' dan l-aħħar artikolu illi jistabillixxi d-dritt tar-reġistru dovut u mhux il-valur li fuqu tali dritt għandu jiġi ntaxxat;

4. Illi għalkemm m'huwiex ċar jekk ir-rikorrenti humiex jattakkaw id-dritt tal-avukati, tajjeb illi jiġi senjalat illi tali dritt ġie ntaxxat fuq il-minimu kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tagħha tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014);

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Frar 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għal-lum għas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari tan-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-intimati dwar din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha qed tiġi kontestata taxxa maħruġa mir-Reġistatur wara li kienet ġiet deċiża minn din il-Qorti l-kawża ċitazzjoni numru 103/2005 fl-ismijiet: "Joseph Mercieca et. vs Joseph Saliba et." fil-15 ta' Ottubru 2013. Ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw din it-taxxa għad-diversi motivi kif indikati f'dan ir-Rikors tagħhom. Is-sentenza presenti tirrigwarda pero' l-eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati.

Sew ir-Reġistatur tal-Qorti, kif ukoll l-intimati l-oħra eċċepew fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet presenti. Huma jostnu li ġialadarba l-ammont in kontestazzjoni ma jaqbiżx il-kompetenza ta' qorti inferjuri, u allura huwa fil-limitu kontemplat fl-artikolu 47 tal-Kap. 12, din il-proċedura kellha tiġi istitwita f'din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri tagħha u mhux kif għamlu r-rikorrenti.

Dwar kwistjoni simili l-Qorti tal-Appell (Inferjuri), kienet qalet:

*"Kif osservat, jekk il-kreditu ta' Avukat jirrientra fil-kompetenza ta' Qorti Inferjuri, it-taxxa li minnha jirriżulta dak il-kreditu hija eżegwibbli mill-Qorti Inferjuri u mhux minn xi qorti oħra. 'Hu biżżejjed notorju li dik it-tassazzjoni mhix att tal-Qorti, imma hi att tar-Reġistratur…lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontrovesji relattivi għat-taxxi magħmula mir-Reġistratur, meta tiġi mpunjata l-attentibilita' jew il-korretezza tagħhom minn min ikollu interess." Ara **'Lewis Borg –vs- Avv. Dr. Giuseppe V. Salomone'**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 23 ta' Frar, 1960. Ara wkoll għal dak li jiswa s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannar, 1920 fl-ismijiet '**Giovanni Galea –vs- Concetta Galea'.** Inċidentalment tant it-tassazzjoni hu att tar-Reġistratur li jingħad li "il-likwidazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji u anke l-ħruġ tat-taxxa kien att amministrattiv, anke jekk kważi ġudizzjarju.' Ara '**Aldo Laferla et –vs- Francis Scicluna et'**, Appell, 29 ta' Mejju, 1998."* [1]

F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li kienet kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni l-Qorti Inferjuri, billi t-taxxa nvoluta ma kenitx taqbeż il-kompetenza ta' dik il-Qorti.

Għal kuntrarju fil-każ presenti din il-proċedura ġiet intavolata quddiem din il-Qorti, mentri l-ammont ta' taxxa involut huwa ta' kompetenza ta' qorti inferjuri.

Għaldaqstant, tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa.

[1] App.Inf. (Għawdex): Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit u Regisratur tal-Qorti għal Għawdex: 15.07.2009

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------